2024/1824

28.6.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1824

tad-19 ta' Ġunju 2024

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Stop Destroying Videogames" ("Inwaqqfu l-Qerda tal-Logħob tal-Kompjuter")

(notifikata bid-dokument C(2024) 3860)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Mejju 2024, tressqet talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Stop Destroying Videogames".

(2) L-għan tal-inizjattiva kif espress mill-organizzaturi huwa li "tirrikjedi li l-pubblikaturi li jbigħu jew jillicenzjaw il-logħob elettroniku lill-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea (jew karatteristiċi u assi relatati mibjugħa għal-logħob elettroniku li joperaw) iħallu dak il-logħob elettroniku fi stat funzjonali (b'mod li jista' jintlagħab). B'mod speċifiku, l-inizjattiva għandha l-għan li tipprevjeni d-diżattivazzjoni mill-bogħod tal-logħob elettroniku mill-pubblikaturi, qabel ma jipprovdu mezzi raġonevoli biex jitkompla l-funzjonament ta' dak il-logħob elettroniku" mingħajr l-involviment tal-pubblikatur.

(3) L-anness tal-inizjattiva jipprovdi iktar dettalji dwar is-suġġett, l-objettivi u l-kuntest tal-inizjattiva. Dan jispjega li "l-pubblikaturi qed ibigħu logħob elettroniku li jirrikjedi li taqbad mal-pubblikatur tal-logħba bl-internet , jew li jaħdmu bil-"phone home" u li "meta jintemm l-appoġġ għal dan it-tip ta' logħob, ħafna drabi l-pubblikaturi sempliċement jaqtgħu l-konnessjoni meħtieġa biex il-logħba tiffunzjona, jipproċedu biex jeqirdu l-kopji kollha tal-logħba li għadhom jaħdmu, u jimplimentaw miżuri estensivi biex jipprevjenu lill-klijent milli jsewwi l-logħba". L-organizzaturi jqisu li "din il-prattika effettivament tisraq dak li l-klijenti jkunu xtrawh" u hija "affront għad-drittijiet tal-konsumatur", "telfa kreattiva għal kull min ikun involut" u li "tikkontesta l-kunċett ta' sjieda nnifsu" peress li "l-klijent jitħalla b'xejn wara li jkun 'xtara' logħba".

(4) Fir-rigward tal-għan tal-inizjattiva, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta għal att legali mmirat lejn il-prevenzjoni tad-diżattivazzjoni mill-bogħod tal-logħob elettroniku mill-pubblikaturi abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(5) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

(6) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.

(7) Il-grupp ta' organizzaturi pprovda evidenza xierqa li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.

(8) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minquxin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(9) Għalhekk jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "Stop Destroying Videogames" tiġi rreġistrata.

([1]) ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj.

(10) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva emendata, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Stop Destroying Videogames" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Stop Destroying Videogames", irrappreżentat minn Daniel ONDRUSKA u Aleksej VJALICIN li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Věra JOUROVÁ
Viċi President